Kunsill Lokali Ħal Balzan

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħal Balzan

# ID-DISA' LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 5

Data tal-laqgħa: 30 ta' Settembru 2019

Il-Kunsilli Lokali Ħal Balzan iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 7/9, Triq Dun Spir Sammut, Ħal Balzan, fl-4.00 ta' filgħaxija.

### PREŻENTI:

Nutar Ian Spiteri – Sindku
Dott. Angelo Micallef – Viċi Sindku
Stephen Gatt – Kunsillier
Mary Louise Briffa – Kunsillier
Dott. Oliver Nicholas De Gaetano

### ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):

Ma kien hemm ebda membru assenti b'apoloġija.

### ASSENTI:

Ma kien hemm ebda membru assenti.

### UFFIĊJAL PREŻENTI:

Doriette Farrugia – Segretarju Eżekuttiv (SE)

## Minuti

Is-Sindku, in-Nutar Ian Spiteri ippresjeda l-laqgħa.

## 5.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

5.1.1 Ma kienx hemm ittri ta' apoloġiji.

## 5.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti ta' Laqgħa Numru 4

5.2.1 Fuq il-mejda tal-Kunsill tqiegħdu l-Minuti ta' Laqgħa Numru 4. Kopja tal-minuti ngħatat lil kull kunsillier qabel il-laqgħa.

5.2.2 Is-Sindku staqsa jekk hemmx xi korrezzjoni tal-minuti. Fuq proposta tal-Viċi Sindku Dott. Angelo Micallef, li kien issekondat mill-Kunsillier Stephen Gatt, il-minuti ġew approvati unanimament.

## 5.3 Punti li joħorġu mill-Minuti

5.3.1 Para 4.3.3 - Ċirkulari Numru SPI/SCI/12/2019 - Skema dwar Restawr ta' Postijiet/Monumenti Storiċi f'Malta
Is-SE infurmat lill-Kunsill li l-applikazzjoni ġiet sottomessa.

5.3.2 Para 4.4.2.2
Il-Kunsillier Stephen Gatt infurma lill-Kunsill li attenda seminar dwar is-sistema tal-ġbir ta' skart kummerċjali. Qal ukoll li ser jagħmel *one-to-one meeting* mal-entitajiet kummerċjali fil-lokalita' dwar dan.

5.3.3 Para 4.9.4
Il-Viċi Sindku staqsa kif bqajna fuq it-tabelli *Respect the residents, please drive carefully* u *Keep the village clean,* li kellhom jitwaħħlu mal-'Merħba' *signs.* Is-SE infurmat li kitbitilhom u għadha qed tistenna risposta.

5.3.4 Para 4.16.4.2
Il-Viċi Sindku staqsa kif bqajna fuq il-*folding door* għas-sala li ssir il-laqgħa tal-Kunsill fiha. Is-SE infurmat lill-Kunsill li għadha qed tistenna xi kwotazzjonijiet.

## 5.4 Komunikazzjoni mis-Sindku

5.4.1.1 Tħawwil ta' siġar fi Triq il-Ferrovija l-Qadima (bejn Vjal De Paule u Vjal Sir Michaelangelo Refalo)
Is-Sindku infurma lill-Kunsill, lis-siġar li ser jitqassmu minn Ambjent Malta ma jistgħux jitħawwlu fil-bankina peress li l-friegħi tagħhom ser joħolqu periklu għall-vetturi, għax din il-parti tat-triq b'żewġ direzzjonijiet hija dejqa u tintuża ħafna. Għalhekk, il-Kunsill irid isib post alternattiv għal dawn is-siġar.

5.4.1.2 Is-Sindku qal li fuq din il-bankina jistgħu jitħawwlu biss siġar bi friegħi żgħar u għalhekk ġiet identifikata s-siġra *italian cypress.* Is-Sindku ressaq kwotazzjoni li tammonta €3,710 (VAT eskluż) għal 12 -il siġra (*italian cypress*) b'tul ta' 3.5m – 4m, *carissa hedges,* pjanti bil-fjuri, *weed mat* u *french pine bark* biex jiġu mħawwla / mqiegħda f'din il-bankina, kif ukoll fil-ħawt madwar is-siġra tal-*ficus*. Is-SE ser iġġib xi kwotazzjonijiet oħra u ser tintagħżel l-irħas offerta.

5.4.2 Wied ta' Ħal Balzan
Dwar il-Wied ta' Ħal Balzan, is-Sindku infurma lill-Kunsill lis-Sibt 28 ta' Settembru, ingħata l-ewwel saff ta' tarmak fl-akwati taċ-ċimiterju, fejn l-ispralli tal-ilma ġew mirduma. Is-Sindku qal li bħala Kunsill immedjatament infurmajna lill-Perit inkarigat mill-proġett biex dawn l-ispralli jerġgħu isiru kif kienu qabel, minħabba l-volum tal-ilma li jgħaddi kull meta tagħmel ħafna xita. Din il-kwistjoni ser terġa' tiġi diskussa fil-laqgħa li jmiss.

5.4.3 *Litter bins* fil-pjazza
Is-Sindku qal li hemm bżonn li jinbidlu l-*litter bins* tal-pjazza u jsiru akbar għax jintużaw kontinwament u qed ikunu dejjem mimlijin. Is-SE ser iġġib xi kwotazzjonijiet.

5.4.4 Donazzjoni tal-organi

Is-Sindku infurma lill-Kunsill dwar laqgħa fuq donazzjoni tal-organi, li attenda ftit tal-ġranet ilu. Fl-uffiċċju ser ikollna l-formoli biex residenti jirreġistraw li jixtiequ/ma jixtiequx jgħatu l-organi wara mewthom. Il-Kunsill qal li għandha tinstab ġurnata fiż-żminijiet tal-Milied u ikun *stand* fil-pjazza, u l-Kunsilliera jkollhom il-formoli disponibbli għar-residenti.

5.4.5 <u>Plakka tar-ram fi Triq il-Barriera k/m Triq Santa Marija</u>

Is-Sindku infurma li hemm bżonn li titnaddaf il-plakka tar-ram li hemm fi Triq il-Barriera k/m Triq Santa Marija għax din il-plakka ġiet inkluża f'xi *touristic trail*.

5.4.6 <u>Xkaffar għall-uffiċċju</u>

Is-Sindku infurma lill-Kunsill li l-ħanut tal-Qronfla għandu ammont ta' xkaffar li m'għandux bżonn aktar u li qed jiġu offruti b'xejn għal min iridhom. Is-Sindku qal li dawn jisgħu jiġu miżbugħa puliti u jitpoġġew mal-ħajt il-vojt fis-sala li ssir il-laqgħa tal-Kunsill. Is-SE ser tinforma l-ħaddiema biex jiġbru l-ammont ta' xkaffar li hemm bżonn u jieħdu ħsieb jiżbugħhom.

5.4.7 <u>*Playing field*</u>

Is-Sindku infurma lill-Kunsill li hemm diversi *equipment* imkisser fil-*playing field.* Is-Sindku infurma li fil-Kunsill preċedenti kien qed jiġi propost il-proġett ta' *underground parking,* u l-bini tal-*playing field* u l-*public convenience* fuqu. Pero' issa kif ġiet il-liġi tal-iskavar, il-Kunsill żgur li m'għandux il-fondi neċessarji biex jorbothom f'garanziji. Għalhekk, is-Sindku qed jipproponi l-kunċett ta' ġnien b'diversi *equipment* li jinkludi wkoll *outdoor gym*, b'xi *water feature*, *irrigation system*, il-*public convenience* jittellgħu fl-istess livell tal-ġnien u titneħħa l-gazebo u l-passaġġi li hemm. Il-Kunsilliera qablu ma' dan u ser issir laqgħa mal-Perit sabiex ninfurmawh b'dan il-proġett u jkun jista' jibda jħejji l-pjanti neċessarji sabiex jiġu ppreżentati għall-approvazzjoni tal-Kunsill.

5.4.8.1 <u>Tħawwil ta' siġar f'Wesgħa Profs. Ġuże' Aquilina</u>

Is-Sindku qal li il-proġett ġie diskuss mill-amministrattiv tal-Kunvent minħabba s-sigurta' tar-residenti ta' Dar Merħba Bik, fejn qalulna lit-triq flimkien mal-bankina huma proprjeta' tagħhom u għalhekk il-Kunsill ma jista' jagħmel l-ebda proġett mingħajr l-approvazzjoni tagħhom.

5.4.8.2 Is-SE ser tiċċekkja mal-Awtorita' tal-Artijiet jekk it-triq hiex privata jew pubblika u din il-kwistjoni tiġi diskussa aktar 'il quddiem.

## 5.5 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera

5.5.1 Ma kienx hemm mistoqsijiet tal-Kunsilliera.

## 5.6 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni ta' Rapporti

5.6.1 Ma kienx hemm rapporti.

## 5.7 Pjan ta' Ħidma 2020 – 2024

5.7.1 Il-Pjan ta' Ħidma 2020-2024 tqiegħed fuq il-mejda tal-Kunsill. Kopja ngħatat lil kull kunsillier qabel il-laqgħa. Is-SE tat xi spjegazzjonijiet lill-Kunsill.

5.7.2 Il-Kunsill qed jikkunsidra dawn il-proġetti, għall-ħames (5) snin li ġejjin:

- *Traffic Island* fi Triq il-Qarċilla;
- Tħawwil ta' pjanti u siġar f'diversi toroq bħal Triq il-Ferrovija l-Qadima u Triq l-Imdina;
- Tisbiħ tal-*Playing field* u l-latrina;
- Tisbiħ ta' Wesgħa Ġiġi Gauci;
- Tisbiħ ta' diversi toroq fil-qalba tar-raħal bil-*paving blocks;*
- Tisbiħ tal-għalqa (*parking area*) f'Wesgħa Profs. Ġuże' Aquilina.

5.7.3 Fuq proposta tal-Viċi Sindku Dott. Angelo Micallef, li kien issekondat mill-Kunsillier Mary Louise Briffa, il-Pjan ta' Ħidma ġie approvat unanimament.

**F'dan il-ħin (5.05pm) ġiet sospiża l-laqgħa għal ftit minuti. Il-laqgħa tkompliet fis-5.10pm.**

## 5.8 *One-Way System* fi Triq il-Qarċilla

5.8.1 Is-SE infurmat lill-Kunsill li ntbagħtu l-ittri fis-16 -il residenza ta' dik il-parti ta' Triq il-Qarċilla (bejn Triq San Franġisk u Triq il-Kannizzata). Is-SE infurmat li 2 residenti biss qed joġġezzjonaw għal din il-proposta.

5.8.2 F'dan ir-rigward, il-Kunsill unanimament approva li napplikaw għal permess ma' TM biex parti minn Triq il-Qarċilla (bejn Triq San Franġisk u Triq il-Kannizzata) ssir *one-way* li tipprojbixxi vetturi jidħlu minn Triq il-Kannizzata.

5.8.3 Ser jiġi ċċekjat jekk hemmx fejn jiżdiedu xi *parking bays* f'dik il-parti ta' Triq il-Qarċilla, u napplikaw ukoll għal permess ma' TM.

## 5.9 Jum Ħal Balzan 2019

5.9.1 Il-programm finali għal Jum Ħal Balzan li se jiġi ċċelebrat nhar il-Ħadd 20 ta' Ottubru se jkun:

9.00am – Tlugħ tal-bandiera fil-pjazza
9.30am – Ċelebrazzjoni ta' Quddiesa għall-Okkażjoni
10.30am – Għotja tal-Premju Ġieħ Ħal Balzan fuq iz-zuntier

Wara se jkun hemm *drinks* f'xi ħanut fil-pjazza.

5.9.2 Ġie rrimarkat li peress li f'dawn l-aħħar ġranet ħalliena l-Maestro Lawrence Scicluna, Ġieħ Ħal Balzan fil-katergorija Lokali xorta ser jingħata għall-memorja tiegħu. Il-mara tiegħu ser tiġi mistiedna tattendi.

5.9.3 Ser jiġu ordnati 3 plakek kommemorattivi, sabiex jiġi pprezentati li min ser jieħu Ġieħ Ħal Balzan.

5.9.4 Dwar l-Inizjattiva Għotja ta' Demm, il-Kunsill ser jorganizza trasport b'xejn għal dawk kollha interessati biex nhar is-Sibt 19 ta' Ottubru 2019 fl-10.00am imorru jagħtu d-demm. Min hu interessat li jipparteċipa għandu jinfurma lill-Kunsill sal-Erbgħa 16 ta' Ottubru. Ser jiġi ppreparat *poster* biex jitwaħħal fin-*noticeboards* u jittella' fuq il-paġna ta' Facebook u l-*website* tal-Kunsill.

## 5.10 Fondi għall-inizjattivi Kulturali / Soċjali mill-Fondi tal-LESA

5.10.1 Is-SE qiegħdet fuq il-mejda tal-Kunsill id-disinji li rċivejna għal monument artistiku li se jitpoġġa fit-*traffic island* li se ssir fi Triq il-Qarċilla. Il-Kunsill iddiskuta u unanimament ġie magħżul disinn numru 2. Il-Kunsill qal li dan id-disinn ser nużawh bħala idea ġenerali pero' ovvjament hemm bżonn li jinbidlu xi affarijiet u jiġi aġġustat biex ikun jista' jiġi trasformat f'monument.

5.10.2 Il-Kunsill ser jistieden lid-disinjatriċi għal Jum Ħal Balzan biex wara l-Għotja ta' Ġieħ Ħal Balzan tiġi pprezenta bi ktieb li ppubblika r-Reġjun bħala ringrazzjament.

5.10.3 Apparti minn hekk se nġibu kwotazzjonijiet għal monumument tal-*fibre* għax huwa materjal *weather resistant* u jidher eżatt bħal monument tal-bronż.

5.10.4 Il-Kunsill iddiskuta u unanimament ġie deċiż li peress li l-proposti għall-fondi jridu jiġu sottomessi sal-31 ta' Ottubru 2019, ser napplikaw biex b'dawn il-fondi jsir il-proġett ta' tħawwil ta' siġar fi Triq il-Ferrovija l-Qadima (bejn Vjal De Paule u Vjal Sir Michaelangelo Refalo) minflok il-monument artistiku. Il-monument artistiku jista' jiġi mplimentat aktar 'il quddiem b'fondi oħra bħal dawk tar-Reġjun. Is-SE ser tipprepara l-applikazzjoni biex tiġi sottomessa għall-approvazzjoni tal-Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali.

## 5.11 Librerija Miftuħa fil-lokalita'

5.11.1 Il-Viċi Sindku infurma lill-Kunsill li, flimkien mas-SE iltaqgħu ma' rappreżentanti ta' Malta Libraries, fejn ikkonfermawlna li l-Librerija Miftuħa tista' tkun stazzjonata fl-uffiċċju tal-Kunsill. Infurmawna li l-kotba jridu jkunu mqassma x'żewġ sezzjonijiet (għall-kbar u għat-tfal), li l-kotba tal-Malti tat-tfal iridu jkunu ġew ippubblikati mit-

2009 'il quddiem u li dan il-kunċett ma jkunx operat b'sistema ta' self.

5.11.2 Peress li l-kotba mhux bilfors jerġgħu jiġi rritornati, ġie ssuġġerit li ma npoġġux kotba ġodda. Kif ikollna l-ixkaffar, se ssir sejħa mar-residenti biex min għandu xi kotba li m'għandux bżonnhom, nużawhom għal din il-Librerija Miftuħa. Jekk ma jkollniex biżżejjed kotba, jiġi kkunsidrat li jinxtraw xi kotba oħra.

## 5.12 Servizz ta' trasport għall-anzjani

5.12.1 Il-Kunsillier Mary Louise Briffa infurmat lill-Kunsill bir-risposta tas-Segretarjat Parlamentari għall-Persuni b'Diżabilita' u Anzjanita' Attiva, fejn qed jgħidulna lis-servizz tat-trasport bit-Tuktuk (servizz trasport b'xejn fil-lokalita' stess) se jkun disponibbli fil-lokalitajiet kollha fis-snin li ġejjin.

5.12.2 Il-Kunsillier Dott. Oliver Nicholas De Gaetano ser jiċċekkja ma' TM jekk joffrux servizz ta' trasport għall-anzjani biex inwassluhom iċ-ċentru tas-saħħa u l-isptar Mater Dei.

## 5.13 *First Aid Course*

5.13.1 Il-Viċi Sindku Dott. Angelo Micallef infurma lill-Kunsill li l-kors se jsir fit-12 u l-14 ta' Novembru 2019 bejn is-6.00pm u d-9.30pm, fis-Sala taċ-Ċentru Parrokkjali fi Triq Idmejda. Id-data għas-sessjoni tal-*Fire Safety* (li ser tiġi offruta b'xejn mis-St. John Ambulance) għad trid tiġi stabbilita.

5.13.2 Ser jiġi ppreparat *poster* biex jitqassam f'xi ħwienet, jitwaħħal fin-*noticeboards* u jitella' fuq il-paġna ta' Facebook u fuq il-*website* tal-Kunsill.

## 5.14 Ġemellaġġi

5.14.1 Is-SE infurmat li, fit-2 ta' Settembru 2019 intbagħtu l-ittri lis-Sindki ta' Pedara u Ficara fi Sqallija u sal-lum għandna qed nistennew risposta.

5.14.2 Il-Viċi Sindku ssuġġerixxa li nikkuntattjaw lill-Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali biex ninfurmawhom li l-Kunsill huwa interessat li jingħaqad f'ġemellaġġ ma' xi lokalita' barra minn Malta, u nitolbuhom jgħinu lill-Kunsill jistabbilixxi lokalita' / komunita', li tkun interessata tingħaqad f'ġemellaġġ ma' Ħal Balzan. Il-Kunsill approva.

## 5.15 Attivitajiet għal żmien il-Milied

5.15.1 Is-SE infurmat lill-Kunsill li hemm *budget* ta' madwar €2,500 allokati għad-dwal tal-Milied. Is-Sindku qal li, ta' kull sena r-residenti jkun qed jistennew li jintramaw it-toroq fiż-żminijiet tal-Milied u għalhekk qed jissuġġerixxi li l-*budget* jiżdied għal madwar €3,500 - €3,800 biex b'hekk din is-sena nkunu nistgħu narmaw Triq il-Ferrovija l-Qadima wkoll.

5.15.2 Is-Sindku qal liċ-Ċentru taż-Żgħażagħ u l-Każin Marija Annunzjata x'aktarx ser ikunu qed jarmaw xi toroq bil-fustuni.

5.15.3 Il-Kunsill iddiskuta u unanimement qabel li jiżdied il-*budget* u jintramaw Triq il-Kbira (bejn Costa Coffee u l-Pjazza), il-Wied ta' Ħal Balzan u Triq il-Ferrovija l-Qadima. Se nġiebu xi kwotazzjonijiet.

## 5.16 Ilmenti u *Items* oħra ta' xogħol ieħor tal-Kunsill

5.16.1.1 ***Tender for the Services of a Contracts Manager – BLC 01/2019***
Ġiet innutata Direttiva 3/2019 – *Contracts Managers* mibgħuta mid-Diviżjoni għall-Gvern Lokali, fejn fost l-oħrajn qed jiġi kkomunikat li sal-aħħar tas-sena, kull Kunsill irid ikollu *Contracts Manager*. Is-SE ippreparat id-dokument biex tinħareġ sejħa għall-offerti għas-servizz ta' *Contracts Manager*. Kopja tad-dokument ingħata lil kull kunsillier qabel il-laqgħa.

5.16.1.2 Dan id-dokument ġie approvat unanimament mill-Kunsill. Is-SE se tibda l-proċess biex toħroġ is-sejħa għall-offerti.

5.16.1.3 Il-Kumitat tal-Evalwazzjoni se jkun magħmul minn dawn il-membri:
Segretarju: Is-SE, Doriette Farrugia
Chairperson: Il-Viċi Sindku Dott. Angelo Micallef jew il-Kunsillier Stephen Gatt
Evalwaturi: Dr Abigail Critien, Mark Debono u Mark Mallia.

5.16.2 *Quotations for the Leasing of a Multifunctional Photocopier*
Is-SE infurmat lill-Kunsill li ġabet kwotazzjonijiet għal kiri ta' *multifuctional photocopier* għall-uffiċċju peress li l-agreement preżenti se jiskadi fis-6 ta' Novembru 2019. Il-Kunsill iddiskuta u unanimament approva l-irħas offerta.

5.16.3.1 Disponiment ta' Assi tal-Kunsill
Fuq il-mejda tal-Kunsill tqiegħdet skeda għall-approvazzjoni tal-Kunsill li turi lista ta' Assi tal-Kunsill li ser jiġi mneħħi minn fuq l-inventarju.

5.16.3.2 Il-Kunsill unanimament iddeċieda li jiddisponi mill-assi li jidher fuq il-lista annessa (Dok 1) billi jiġi mormi.

5.16.4.1 Impjegat fi Skala 11 – Assistent Prinċipal
Ġie nnutat li, il-volum tax-xogħol amministrattiv, speċjalment dak tas-SE ta' kuljum qed jiżdied u qed jiġi kkunsidrat li jiġi mpjegat uffiċjal fi skala 11. Is-SE infurmat lill-Kunsill li bħala proċess il-Kunsill irid iġib l-approvazzjoni mid-DLG sabiex jibda l-proċess biex l-ewwel tinħareġ sejħa interna għal Assistent Prinċipal (skala 11) skont l-Att dwar Gvern Lokali.

5.16.4.2 Is-SE infurmat li jekk l-ingaġġ ikun minn wieħed mill-impjegati tal-Kunsill, ikun hemm żieda ta' madwar €2,600 - €3,000 fil-pagi. Infurmat ukoll li bħala spejjeż amministrattivi (li jinkludu s-salarji), il-Kunsill diġa' għandu stmat li jonfoq madwar €23,000 aktar minn dak li jingħata bħala Allokazzjoni għall-spejjeż amministrattivi.

5.16.4.3 Il-Kunsill iddiskuta u unanimament ġie deċiż li nistennew l-Allokazzjoni għas-sena 2020 biex il-Kunsill ikun f'pożizzjoni aktar ċara u jkun jista' jieħu deċiżjoni dwar dan.

5.16.5.1 Proġett ta' tisbiħ ta' toroq fil-qalba tar-raħal
Is-SE qiegħdet fuq il-mejda tal-Kunsill il-kwotazzjoni mibgħuta mill-Perit biex ikun jista' jsir *survey* biex il-pavimentar fi Triq it-Tliet Knejjes jiġi estiż sa fejn il-mużew tas-subien u jinkludi l-isqaqin tal-istess triq u tkun tista' tiġi emendata l-applikazzjoni tal-PA. Il-Kunsill unanimament approva.

5.16.5.2 Is-SE infurmat lill-Kunsill b'*email* li rċivejna minn resident li joqgħod fi Triq it-Tliet Knejjes dwar il-bankina ta' quddiem il-propjeta' tiegħu u dwar il-materjal li ser jiġi użat fil-proġett ta' tisbiħ. Is-SE qalet li talbet il-Perit tal-Kunsill biex jgħaddilna l-informazzjoni. Qalet ukoll li ser ngħamlu laqgħa fuq il-post mal-perit u r-resident.

5.16.6.1 *Insignia* u *Lapel Badge* tas-Sindku
Is-SE qiegħdet fuq il-mejda tal-Kunsill kwotazzjoni mibgħuta mid-Diviżjoni għall-Gvern Lokali għal Insignia (madwar €460) u *Lapel Badge* (€30.28) tas-Sindku għax li għandu preżentament huma antiki u mhumiex preżentabbli.

5.16.6.2 Il-Kunsill unanimament approva li tiġi ordnata l-*Insignia* u l-*Lapel Badge* ġdida.

5.16.7 *European Week for Waste Reduction*
Ser tiġi diskussa fil-laqgħa li jmiss.

5.16.8 Pink October Campaign 2019
Is-SE infurmat li *Marigold Foundation* se jkunu qed iżuru l-lokalita' nhar it-Tlieta, 8 ta' Ottubru 2019 bejn is-7.00pm u d-9.30pm. Is-SE talbet aktar informazzjoni dwar dan peress li din l-ewwel darba li l-Kunsill qed jieħu sehem f'din l-inizjattiva u għadha qed tistenna risposta.

5.16.9.1 Manutenzjoni tal-*Playing field*
Resident qed jilmenta peress li hemm diversi *equipment* imkisser fil-*playing field* u jista' jkun ta' periklu għat-tfal. Is-SE qiegħdet fuq il-mejda tal-Kunsill diversi kwotazzjonijiet biex jiġi mibdul jew irranġat dan l-*equipment* skont il-ħtieġa.

5.16.9.2 Il-Kunsill qal li ser ikun qed jaħdem fuq il-proġett tal-ġnien fil-futur qarib u sadanittant ser jitneħħa l-*equipment* li

hemm perikoluż.

5.16.10 <u>Ħarġa għax-xahar ta' Ottubru 2019</u>
Il-Kunsillier Mary Louise Briffa nfurmat lill-Kunsill li bħala ħarġa għax-xahar ta' Ottubru ser torganizza Quddiesa fis-Santwarju tal-Madonna fil-Mellieħa u ikla d-*Danish Village* għal prezz ta' €18.

**Ilmenti oħra ser jiġu diskussi fil-laqgħa li jmiss peress li sar il-ħin biex tibda l-laqgħa tal-lokalita'.**

## 5.17 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti

5.17.1 Fuq il-mejda tal-Kunsill tqiegħdet l-iskeda ta' pagamenti nru. 9/19 li tammonta għas-somma ta' €35,201.19c, li tinkludi l-ammont ta' €117.09c bħala *Petty Cash* għax-xahar ta' Awwissu 2019 u l-ammont ta' €67.74c bħala *Petty Cash* għax-xahar ta' Settembru 2019. Ir-rendikont tal-*Petty Cash* jinsabu mehmuża mal-iskeda ta' pagamenti.

5.17.2 L-iskeda ta' pagamenti kienet proposta għall-approvazzjoni mill-Viċi Sindku Dott. Angelo Micallef, li kien issekondat mill-Kunsillier Dott. Oliver Nicholas De Gaetano. Il-Kunsill unanimament approva li jsiru l-ħlasijiet.

## 5.18 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

5.18.1 Il-laqgħa ntemmet fis-6.50pm.

5.18.2 Il-laqgħa li jmiss se ssir nhar it-Tlieta, 22 ta' Ottubru 2019 fl-4.00pm.

Konfermati, it-Tlieta, 22 ta' Ottubru 2019.

| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
|---|---|
| Nutar Ian Spiteri<br>Sindku | Doriette Farrugia<br>Segretarju Eżekuttiv |

Dok 1

Ħal Balzan Local Council

| List of Council Assets to be disposed of as Approved at Council Meeting No. 5 of 30th September 2019 | | | | |
|---|---|---|---|---|
| | | | | |
| **Description** | **Description** | **Condition / Remarks** | **Date Purchased** | **Purchase Price €** |
| | | | | |
| Monitor 1-2-3 (OFE00014) | Viewsonic Monitors (1 out of 3 monitors) | Not working. Not worth it to repair and a new one was purchased. | 17/12/2010 | 126.50 |

Not. Ian Spiteri
Mayor

Doriette Farrugia
Executive Secretary

Date: 30th September 2019